Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,498, 23 ta'Ottubru, 2009
Taqsima B

A.L. 293 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Commerce – Dip.Com. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal- Ekonomija, Management u Accountancy bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Commerce – Dip.Com., u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, għad-Diploma in Commerce – Dip.Com. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, Management u Accountancy, ippubblikati bħala Avviż Legali 202 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul.

(2) L-applikanti li jidħlu skont is-sottoparagrafu (a)(iii) tal-paragrafu (2) tar-regolament 2 tar-Regolamenti għad-Dħul għandu jkollhom dawk il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.”